**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 19 ta' Gunju 2002**

**Numru 3**
**Citaz. Nru. 1934/95 FDP**

**John Agius**

**Vs**

**Micallef Insurance Agency Limited f'isimha u bhala agent u mandatarju tas-socjeta` estera Independent Insurance Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur kellu vettura numru U-0936 tal-marka Mitsubishi Lancer assigurata mad-ditta

konvenuta ghas-somma ta' erbat elef u seba' mitt lira Maltin (Lm4,700) taht polza "*third party, fire and theft*";

Premess illi din il-vettura giet misruqa lilu f'Burmarrad fit-22 ta' Jannar 1995;

Premess illi s-socjeta` konvenuta interpellata biex thallas naqset li taghmel dan;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' Lm4,700;

Bl-ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Ottubru 1995 kontra l-istess ditta konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati u d-dokument esebit;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta *proprio et nomine* li permezz taghha hija eccipiet:-

1. Illi s-socjeta` Micallef Insurance Agency Limited tagixxi bhala agent u mandatarju tas-socjeta` assiguratrici estera Independent Insurance Company Limited, u mhux f'isimha *proprio*, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-istess attur;

2. Illi l-azzjoni hija nulla u rrita stante li mart l-attur ma gietx indikata bhala attrici u kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti, u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li, in termini tal-polza ta' assigurazzjoni vigenti bejn il-partijiet, il-materja kellha tigi konsiderata fl-arbitragg, u mhux fil-proceduri odjerni;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-ammont mitlub mill-attur ma jirriflettix id-dannu allegatament soffert minnu ossia l-valur ragjonevoli tas-suq, u liema valur ma jkunx jaccedi l-istima moghtija mill-assigurat stess;

Ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Ezaminat in-noti pprezentati mill-abbli difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur kellu vettura tal-marka Mitsubishi bin-numru U-0936 assigurata mad-ditta konvenuta; dina il-polza kienet tinkludi wkoll indemniz fil-kaz illi din tinsteraq. Illi skond l-istess polza jidher li l-ammont indikat bhala l-valur ta' l-istess karozza kien ta' Lm4700;

Illi din il-vettura giet misruqa f'Jannar 1995 u baqghet ma nstabitx u ghalhekk l-attur interpella lis-socjeta` konvenuta biex jithallas l-ammont indikat fil-polza;

Illi s-socjeta` konvenuta rrifjutat li thallas l-ammont hemm indikat peress li kkontendiet li l-karozza kienet ta' valur inqas; u peress li ma ntlahaqx ftehim giet intavolata din ic-citazzjoni;

Illi l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta tirreferi ghall-fatt illi hija giet imharrka kemm f'isimha kif ukoll bhala agent u mandatarja tas-socjeta` estera Independent Insurance Company Limited; illi ghalkemm bosta mill-atti pprezentati f'din il-kawza jirreferu ghas-socjeta` konvenuta bhala Micallef Insurance Agency Limited f'isimha bhala agent u mandatarja, ezami tac-citazzjoni originali turi li hija giet imharrka kemm f'isimha kif ukoll bhala agent u mandatarju tas-socjeta` estera;

Illi l-attur esebixxa l-polza ta' l-assigurazzjoni relattiva u li tinsab a fol 91 *et seq.* tal-process u li minn din jidher b'mod car li l-assigurazzjoni kienet inharget minn Independent Insurance Company Limited ta' Londra u l-kumpanija Micallef

Insurance Agency Limited hija indikata bhala "*agent and attorney*";

Illi ma tressqu ebda provi illi jindikaw illi s-socjeta` konvenuta accettat ir-responsabilita` f'isimha proprju u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tidher gustifikata;

Illi fit-tieni eccezzjoni gie allegat illi mart l-attur ma kinitx indikata bhala attrici u kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti, b'dana kollu in vista tad-dikjarazzjoni ta' l-attur illi huwa lanqas biss kien mizzewweg, dina t-tieni eccezzjoni giet irtirata mis-socjeta` konvenuta;

Illi fit-tielet eccezzjoni s-socjeta` konvenuta ssottomettiet illi l-attur messu mexa bil-procedura ta' l-arbitragg u dwar dan il-punt gew anke skambjati noti u jigi wkoll rilevat illi z-zewg partijiet ikkwotaw l-istess sentenza in sostenn tat-tezi taghhom;

Illi mill-atti tal-process jidher li ghalkemm l-attur talab lis-socjeta` konvenuta biex tindemnizzah skond l-istess polza, u dan mhux biss verbalment u personalment imma anke permezz ta' l-avukat tieghu, is-socjeta` konvenuta qatt ma wiegbet ghal dawn l-interpellazzjonijiet ghalkemm mix-xhieda tar-rapprezentanti taghha jidher illi kienet qeghda taghmel xi offerti bla pregudizzju; gew esebiti zewg ittri mibghuta mill-avukat kif ukoll anki ittra ufficcjali tas-6 ta' Ottubru 1995 u dawn kollha baqghu minghajr risposta, ghalkemm kienet saret minacca illi ser jittiehdu passi legali opportuni;

Illi barra minn dan is-socjeta` konvenuta jidher li kienet qed tikkontendi li l-ammont indikat bhala valur tal-vettura kien zbaljat u dan minhabba l-aktar il-fatt li l-attur kien naqas li jizvela dettalji importanti dwar l-istess vettura;

Illi ghalhekk it-tielet eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta m'hijiex sostenibbli;

Illi fir-raba' eccezzjoni, is-socjeta` konvenuta eccepiet li l-ammont mitlub mill-attur fic-citazzjoni ma jirriflettix id-dannu reali illi huwa sofra bhala konsegwenza tas-serqa tal-vettura tieghu; illi rrizulta pacifiku li fil-polza ta' l-assigurazzjoni ghal diversi snin il-valur tal-vettura kien dejjem indikat bl-ammont ta' Lm4700;

Illi jrid jigi rilevat li rrizulta li l-karozza in kwistjoni kienet inxtrat f'Lulju 1991 bil-prezz ta' Lm5033, xi snin wara din il-karozza kienet involuta f'zewg habtiet, it-tieni wahda ta' certa entita` tant li baqghet diehla fuq zewg karozzi ohra u kkagunatilhom b'Lm1400 hsara. Illi skond ix-xhieda tal-claims manager tas-socjeta` konvenuta irrizulta li l-hsara fil-karozza Mitsubishi nnifisha ammontat ghal aktar minn Lm1300;

Illi dan kollu, fil-fehma tal-Qorti, jindika illi l-prezz ta' Lm4700 kien ghal kollox esagerat ghal karozza li kienet ilha barra sitt snin u kienet garrbet danni tant serji illi sidha, kif qal hu stess kien "*ombraha*" u l-attur xtraha mfarrka kif kienet u ha hsieb it-tiswija taghha;

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax il-fatt li l-attur imkien ma indika kemm hallas meta xtara r-*wreck*, ghalkemm irrizulta li hallas aktar minn Lm1300 f'tiswijiet; jigi ukoll rilevat li l-attur kien ghamel akkwisti simili ta' diversi karozzi qabel dik tal-Mitsubishi;

Illi ghalhekk jidher li l-attur ma ressaqx il-provi kollha li seta' biex jispjega kemm kien id-dannu illi huwa attwalment sofra u ried biss jibbaza t-talba tieghu fuq il-fatt illi fil-polza il-valur tal-vettura kien indikat bhala Lm4700;

Illi l-Qorti tat ukoll hafna piz lill-fatt li meta l-attur mar biex jassigura l-karozza ma stqarrx id-dettalji dwar il-hsara ingenti illi kienet soffriet; illi harsa lejn il-polza ta' l-assigurazzjoni esebita mill-istess attur tindika li l-assigurat huwa tenut li jiehu hsieb l-istat tal-vettura tieghu u hemm ukoll stipulat illi "*the insured shall take all reasonable steps to safeguard the motor vehicle from loss or damage and to maintain the motor vehicle in an efficient condition*". Mill-ezami tad-dati in kwistjoni jidher illi fid-data ta' meta l-attur ghamel l-assigurazzjoni mas-socjeta` konvenuta l-vettura kienet ghadha infarrka tant li fil-fatt il-kont tat-tellar thallas xhur wara; il-Qorti tosserva illi meta l-assigurat kellu jiehu l-passi kollha necessarji biex izomm il-vettura "*from loss or damage and to maintain the motor vehicle in an efficient condition*", certament wiehed ghandu jifhem li dan kien jinkludi wkoll stat ta' karozza li kienet involuta f'incident kbir;

Illi ghalkemm huwa veru li l-kumpanija assiguratrici baqghet tohrog il-polza u tithallas ghall-ammont shih ta' Lm4700, huwa ovvju li dan ma kinitx taghmlu kieku kienet taf bil-hsara estensiva li garrbet l-istess vettura; il-kuntratt ta' l-assigurazzjoni dejjem gie kkunsidrat bhala kuntratt *uberrima bona fides* jigifieri jirrikjedi mhux biss l-onesta u l-bona fede illi normalment ghandhom jinstabu fil-kuntratti bejn zewg partijiet pero` f'dan il-kuntratt hemm grad superjuri ta' onesta` u ghalhekk huwa wiehed ta' "*utmost goodfaith*";

Illi ghalhekk il-Qorti ma tarax li l-attur ghandu jigi risarcit b'ammont illi jkun superjuri ghal dak li fil-fatt kienet il-vettura meta insterqet, irrispettivament minn dak kollu li hemm indikat fil-polza dwar il-valur tal-vettura;

Illi l-Qorti sejra tasal ghall-ammont gust *arbitrii boni viri*, wara li tirrileva illi la fic-citazzjoni u lanqas fl-atti tal-kawza qatt ma saret talba ghan-nomina ta' esperti;

Illi wara li kkunsidrat ir-rizultanzi kollha, il-Qorti hi tal-fehma li l-valur tal-karozza meta nsterqet kien ta' hamsa u sittin fil-mija (65%) tal-prezz originali taghha li kien ta' ftit aktar minn Lm5000; dan l-ammont jirrifletti wkoll il-valur tal-vettura meta wiehed jikkonsidra l-prezz ta' Lm2000 li skond il-proprjetarju originali taghha xtraha Lm2000 u mieghu tghodd l-ispejjez li hallas l-attur biex gab il-karozza fi stat tajjeb u li fih kienet fil-mument li nsterqet.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Eccezzjoni u ghalhekk is-socjeta` Micallef Insurance Agency Limited in kwantu tharrket f'isimha proprju qed tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tieni Eccezzjoni li giet irtirata fil-mori tal-kawza;

Tichad it-Tielet Eccezzjoni filwaqt li tichad in parte ir-Raba' Eccezzjoni;

Tilqa' parzjalment it-Talba kontenuta fic-citazzjoni u tikkundanna lil Micallef Insurance Agency Limited bhala agenti u mandatarji tas-socjeta` estera Independent Insurance Company Limited ihallsu lill-attur is-somma ta' tlett elef mitejn u hamsin liri Maltin (Lm3250).

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn l-attur u s-socjeta` estera Independent Insurance Company Limited.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur